TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Raisa Galea De Giovanni

vs

Tuaco Opticians Ltd

CCT 35/21/MM

Illum 1 ta' Frar, 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-26 ta' Frar 2021 fejn talbet is-somma ta' ħames mija u tmenin Ewro (€ 580), ammont rappreżentanti l-lenses tal-ħġieġ tan-nuċċali tal-vista li hija akkwistat mingħand l-intimati, liema lenti ma humiex a piena sodisfazzjoni tar-rikorrenti stante li l-istess ħġieġ joħroġ l'barra mill-frame u mhux kif imwiegħda lilha li kellu jkun il-prodott finali.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata pprezentata fit-18 ta' Marzu 2021 fejn irribattiet it-talba tar-rikorrenti billi għamlet referenza għal erba' (4) punti u ċioe billi saħqet illi l-lenti in kwistjoni huma l-iktar lenti rqaq possibli, illi t-trufijiet tal-lenti ma kienux polished, leima nuqqas ġie rimedjat, it-tielet punt jirrigwarda l-fatt li skonthom ir-rikorrenti nefqet Euro 794.00, fejn Euro 194.00 minnhom huma għan-nuċċali li xtrat ir-rikkorenti fejn tinsisti li huwa wieħed fost l-ogħla li s-soċjeta' tbiegħ, u r-raba' punt is-soċjeta' intimata tisħaq li r-rikorrenti għażlet minn jhedda li tagħżel l-ogħla lenti, skont l-intimata, l-aqwa fost l-aqwa, iżda dan ma jaffettwax il-ħxuna.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok tajjeb li jiġi rilevat li minkejja li s-soċjeta' konvenuta ppreżentat risposta, l-ebda rappreżentat tagħha qatt ma kien preżenti meta ssejjaħ il-każ u dan minkejja li s-soċjeta' kienet debitament notifikata.

Illi għalhekk, apparti r-risposta, dan it-Tribunal huwa sajjem minn kwalunkwe xhieda ġuramentata jew sottomissjoni tas-soċjeta' konvenuta.

Illi ħarsa lejn din l-istess risposta tqajjem dubju anki saħansitra fir-rigward tal-istess. Dan jingħad għaliex fit-talba tagħha r-rikorrenti qatt ma tagħmel referenza għall-erba' punti elenkati mill-intimata iżda tikkonċentra t-talba tagħha fuq il-fatt li il-lenti tan-nuċċali ordnat minnha joħroġ il-barra min-nuċċali u dan minkejja l-prezz esorbitanti li hija ħallset għal-lenti sabiex proprju tevita dan l-effett. Di fatti tajjeb li jiġi enfasizzat li kuntrarjament għal-figura ta' Euro 794.00 li tagħmel referenza għaliha l-intimata, ir-rikorrenti fl-ebda ħin ma kkontestat li dan l-ammont kien it-total li jinkludi wkoll in-nuċċali tant li t-talba tagħha sa mill-bidu kienet limitatment għal Euro 580.00 rappreżentanti l-ammont li hija ħallset għal-lenti.

Ikkunsidra

Illi l-pern tat-talba tar-rikorrenti tirrigwarda l-fatt jekk hi hijiex ġustifikata milli titlob flusha lura għal-lenti li hija ħallset wara li rriżulta li dawn joħorġu l'barra u ma humiex integrati fil-frame tan-nuċċali kif ġie imwiegħed lilha li ser ikunu meta hija għamlet l-ordni.

Illi kif diġa sar aċċenn għalih iktar l'fuq, it-Tribunal ma kellux l-opportunita' jisma' l-verżjoni tal-intimata. Min-naħa l-oħra, it-Tribunal ġie muri lilu dan in-nuċċali seduta stante fejn ikkonstata fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2021 li l-ħġieġ huwa maħruġ il-barra kważi d-dawra kollha tal-frame. Illi tenut kont ta' dan u anki l-fatt li it-Tribunal ma jħossx li għandu jiddubita lir-rikorrenti meta tgħid li hi kieku ma kienetx ser tħallas dak l-ammont eżorbitanti fuq il-lenti, dan it-Tribunal ma għandux għalfejn ma jilqax it-talba tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati, billi jilqa' it-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' Euro 580 bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru